MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2006

Numru. 400/2005

PULIZIJA
SPETTUR DENNIS THEUMA
VS
ANTHONY SPITERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Spiteri, ta' 56 sena, bin Carmel u Catherine nee' Barbara, imwieled Zejtun fid-9 ta' Frar 1947, u residenti Francis Flats, Flat 5, Triq l-Isqof F.S. Caruana, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 202247(M), u akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fid-29 ta' Settembru 2003, ghal habta tal-ghaxra ta' filghaxija gewwa l-lokalita' ta' B'Kara:

(1) ghamel offiza ta' natura hafifa hekk kif iccertifikat Dr C.Muscat MD tal-Casualty Department tal-Isptar San Luqa, fuq il-persuna ta' PS 1021 Joseph Urpani u PC 1528 Darren Hammet, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz

jew bil-hsieb li jbezzaghhom u/jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz, bi ksur tal-Artiklu 95(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
(2) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Darren Hammett, detentur tal-karta tal-identita' numru 252569(M), u Joseph Urpani detentur tal-karta tal-identita' numru 410067(M), hekk kif iccertifika Dr C Muscat MD, bi ksur tal-Artiklu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
(3) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma jitqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuni tal-istess PS 1021 Joseph Urpani u PC 1528 Darren Hammett, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorita' kompetenti, u dan bi ksur tal-Artiklu 96(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
(4) aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi hedded b'delitt bil-fomm lil PS 1021 Joseph Urpani u PC 1528 Darren Hammett ai termini tal-Artiklu 249(1) sub inciz 2 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
(5) aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'xi mod mhux imsemmi band'ohra f'dan il-Kodici
(6) aktar talli qal kliem oxxen jew indecenti fil-pubbliku jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-Kodici, offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika.

Il-Qorti giet mitluba wkoll biex f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena, jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, turbot lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat u l-konferma tal-istess ammissjoni, wara li l-Qorti tatu zmien ragjonevoli sabiex huwa jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat Artikli 95(1), 96(a), 221(1), 249(1) sub inciz 2, 338(dd) u 342 tal-Kap 9, u Artiklu 22 tal-Kap 446, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------